# Il-Pupltu fil-Knejjes

**Mons. Lawrenz Cachia**
*Lic. D., Cap. S.S.*

***Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tar-restawr fuq il-pulptu tal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospitalier, li sar fuq inizjattiva tal-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi, Mons. Cachia jagħti ħarsa lejn it-tifsira u l-użu tal-pulptu.***

Sa minn żmien qadim ħafna l-postijiet tal-kult kellhom xi għamla ta' '*platform*' minn fejn wieħed seta' jaqra l-lezzjonijiet jew ikellem lill-fidili. Il-Griegi pagani kienu jsejħu dik il-*platform Bema* u l-Lhud, meta bdew jibnu s-sinagogi, sejħulha bl-istess kelma Griega *Bema* jew xi drabi *Bemah*. Aktar tard ġew il-Musulmani li għall-istess *platform* bdew jużaw il-kelma *minbar* jew *manbar*.

L-Insara tal-bidu kellhom post kemxejn elevat għall-Katedra tal-Isqof li kien jipprietka mill-istess Katedra, imma kellhom ukoll *ambone* li kien jintuża l-aktar għall-qari tal-Lezzjonijiet u tal-Vanġelu. Iżda maż-żmien l-*ambone* beda jservi wkoll biex minn fuqu jsiru omeliji u eżortazzjonijiet lill-fidili.





*Żewġt itfal jagħmlu l-prietka tat-tifel waqt il-Quddiesa ta' Nofsillejl nhar il-Milied. L-ewwel wieħed huwa Jeffrey Schembri li għamel il-prietka fl-1960 u t-tieni huwa Emmanuel Debono li għamel il-prietka fl-1962.*

Bħala regola ġenerali l-*ambone* baqa' mhux għoli wisq mill-art, xi żewġ tarġiet jew tlieta. Iżda fil-medju evu (madwar is-sena 1000), għall-prietki, bdew isiru l-pulpti li kienu għoljin ġmielhom u waslu wkoll għall-għoli ta' sular (xi 4 metri) u iżjed ukoll. Il-kelma pulptu ġejja minn kelma Latina, *'pulpitum'*, li tfisser ukoll *'platform'*; iżda issa ma baqax *'platform,'* imma sar xi ħaġa unika. Barra li għolew, il-pulpti kibru wkoll fid-daqs u bdew isiru mhux biss mill-injam imma wkoll mill-ġebel u mill-irħam. Għalhekk saru okkażjoni tajba biex nies tas-sengħa juru l-kapaċità tagħhom kemm fid-disinn kif ukoll fl-iskultura.

Ħafna pulpti kellhom bħal saqaf jew ċelu fuqhom u dan, barra li kien iżid is-solennità tal-pulptu, kien jiswa biex iżomm il-leħen tal-predikatur 'l isfel lejn in-nies, u mhux jitla' 'l fuq lejn is-saqaf.

Ċertament il-pulptu għoli ried ifisser l-importanza tal-kelma t'Alla spjegata jew imfissra, imma kien ukoll bżonn meta l-knejjes saru kbar u l-predikatur xtaq li jinstema' minn kulħadd. Ma ninsewx li dak iż-żmien la kellhom *microphones* u anqas *loudspeakers*. Kienu bdew jiżdiedu wkoll il-prietki barra l-Quddiesa, bħall-eżerċizzji, speċjalment meta tkattru l-ordnijiet reliġjużi u xterrdu ma' kullimkien.

Issa biex il-predikatur jitla' dak l-għoli bilfors kellu bżonn ta' taraġ. Ċerti knejjes biex inaqqsu l-iskomdu kienu jagħmlu l-pulptu mal-ħajt jew mal-pilastru u jivvintaw taraġ ġol-imramma tal-ħajt. Hekk kienu, għal ħafna snin, il-pulptu tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u dak tal-Kon-katidral ta' San Ġwann tal-Belt. Wieħed jista' jinnota li kemm Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fil-Kon-katidral ta' San Ġwann, il-pilastru li miegħu kien hemm il-pupltu huwa usa' mill-oħrajn, u dan sar biex ikun jista' jsir it-taraġ ġol-pilastru.

Maż-żmien it-taraġ ġol-pilastru ġie mbarrat u sar taraġ tal-injam minn barra. Fil-Kon-katidral ta' San Ġwann dan sar għaliex il-pulptu, li kien fuq il-presbiterju, ġie meħud fil-korsija biex għamel wisa' għat-tieni tron. Meta l-pulptu kien fuq il-presbiterju, kien hemm tron wieħed biss faċċata tiegħu. Iżda meta ġew l-Ingliżi hawn Malta (1800), riedu tron ieħor u għalhekk għamlu tron flok il-pulptu. Illum reġa' hemm tron wieħed biss, iżda l-pulptu baqa' isfel.



*Il-Kappillan Dun Philip Grech iħabbar il-Kelma t'Alla minn fuq il-pulptu dakinhar tal-pussess tiegħu fil-15 ta' Frar 1953.*

It-taraġ tal-pulptu ta' Ħaż-Żebbuġ ġie mbarrat bil-ġebel meta kienu se jibnu n-navi (1914) u għalhekk riedu jiftħu arkata kbira wara l-pilastru tal-pulptu. Beżgħu li l-pilastru jċedi



*Il-pulptu restawrat waqt l-inawgurazzjoni tiegħu nhar l-1 ta' Awwissu 2016. Dan il-pulptu ġie rrestawrat fuq inizjattiva tal-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi u permezz tal-ġenerożita tas-Sur Charles Pace. Ix-xogħol sar mis-Sur Mario Vella.*

jekk ma jirfduhx u għalhekk imlewh bil-ġebel u għamlu taraġ tal-injam kif semmejna. Illum la baqa' l-pulptu u anqas it-taraġ.

Issa dan għal żewġ raġunijiet. Wara l-Konċilju Vatikan II naqset l-importanza tal-pulptu kemm għax ridna li l-qassis ikun aktar qrib tal-poplu, kif ukoll għax daħħalna l-*loudspeakers*. Imma fil-każ ta' Ħaż-Żebbuġ hemm raġuni oħra: il-pulptu kien sewwes ħafna u kien miraklu kif ma waqax b'xi predikatur b'kollox!

Fejn il-pulptu jinsab f'kundizzjoni tajba jew għallinqas jista' jiġi restawrat bla tbatija żejda, ma naħsibx li għandu jitwarrab għalkollox. Iżjed u iżjed jekk il-pulptu huwa opra artistika bħal ċerti pulpti tal-irħam u oħrajn ta' injam fin u maħdum b'sengħa kbira. Ħafna knejjes żammewh u użawh biss fi ftit okkażjonijiet, biex matul is-sena jagħtu importanza lill-*ambone*.

Kelma żgħira dwar ħutna separati Protestanti. Dawn, għallinqas xi wħud minnhom, riedu jnessu l-importanza tal-quddiesa u għalhekk poġġew il-pulptu flok l-altar maġġur biex ikun fl-aktar post ċentrali tal-knisja tagħhom. Xi wħud minnhom reġgħu poġġew il-pulptu fil-ġenb iżda mhux kollha.

Hemm storja ħelwa dwar il-pulptu u li hija din. Kornelju A. Lapide kien patri Ġiżwita bravu ħafna fl-istudju tal-Bibbja u kien predikatur mill-aqwa. Il-Papa, aktarx Urbanu VIII, sema' min ifaħħru u xtaq jisma' lil dan Kornelju. Għalhekk qal lil wieħed mis-segretarji tiegħu sabiex fl-ewwel okkażjoni jistieden lil Kornelju jipprietka quddiem il-Papa. Meta wasal il-ħin tal-prietka, il-Papa ħares lejn il-pulptu u ra ras u parti minn spallejn il-patri u għalhekk ħasbu qiegħed għarkupptejh. Għalhekk qallu: "Reverendu, qum bilwieqfa". Imma dak wieġbu: "Santità, jiena bilwieqfa qiegħed, iżda nzertajt qasir wisq".

Dan hu t-tagħrif li naf dwar il-pulptu. Nawgura lill-Għaqda Dilettanti tal-Knisja ta' Lapsi li jirnexxielhom jirrestawraw sewwa l-pulptu ta' din il-knisja ħelwa matul din l-aħħar sena. Hija inizjattiva ta' min ifaħħarha.